DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VII — Kumitat tar-Reġjuni

(2012/557/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0262/2011) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ([4]) dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra tal-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0090/2012),

1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat tar-Reġjuni għas-sena finanzjarja 2010;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

([1]) ĠU L 64, 12.3.2010.
([2]) ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.
([3]) ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.
([4]) ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.